# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020**

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 537/15JRM**

Godfrey **SCICLUNA**

vs

**IL-PRIM MINISTRU**, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u l-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat[1]

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-3 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (1) issib li d-deċiżjoni tal-intimati jew ta' min minnhom li huwa ma jerġax jiddaħħal għax-xogħol ("*reinstated*") kif ukoll ir-rifjut tagħhom li jingħata s-salarju li nżammlu tul iż-żmien tas-sospensjoni tiegħu huma *ultra vires* peress li saru bi ksur tal-liġi; (2) tikkundannhom, jew lil min minnhom, iħallsuh is-salarju miżmum matul iż-

[1] Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

żmien li dam sospiż, flimkien mal-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv; (3) tillikwida d-danni mġarrba minnu; u (4) tagħti kull provvediment u direttiva li jidhrilha xierqa w opportuna. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2015[2], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin flimkien fit-3 ta' Lulju, 2015, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li l-imħarrkin Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u l-Avukat tal-Istat mhumiex il-kontradittturi leġittimi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħidu wkoll li l-azzjoni tar-attur hija perenta skond l-artikolu 469A(3) tal-imsemmi Kapitolu 12 għaliex tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi biex tista' titressaq azzjoni bħal dikbit-trapass taż-żmien. Fil-mertu, jiċħdu x-xiljiet attriċi w jgħidu li huma mxew mal-liġi u mal-ftehim maqbul bejn il-partijiet. Iżidu jgħidu li l-kariga tal-attur kienet mibnija fuq fiduċja u ma tistax titqies bħala relazzjoni msejsa fuq impjieg mas-servizz pubbliku; li l-artikolu tal-*Public Service Management Code* li għalihom jirreferi l-attur, ma jgħoddux għaċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu. Minbarra dan, biex tista' tintlaqa' t-talba għall-kumpens tad-danni li jgħid li ġarrab irid jintwera li l-għemil ikun sar b'mala fidi, u għaldaqstant l-attur irid jipprova din l-intenzjoni fl-imħarrkin biex t-talba għad-danni taħt l-artikolu 469A tintlaqa'. Itemmu jgħidu li, f'kull każ, huma dejjem imxew b'bona fidi u għalhekk ma jwiġbux għall-ebda danni;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2015[3], li bih ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet iressqu l-provi dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin, dwar jekk l-azzjoni saritx fiż-żmien li tagħti l-liġi;

Rat il-provi mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' April, 2016[4], li bih ordnat li t-trattazzjoni ta' l-istess eċċezzjoni ssir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tat-2 ta' Mejju, 2016[5], tal-imħarrkin;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-14 ta' Lulju, 2016[6], tal-attur bi tweġiba għal dik attriċi;

[2] Paġġ. 36 sa 37 tal-proċess
[3] Paġ. 51 tal-proċess
[4] Paġ. 113 tal-proċess
[5] Paġġ. 100 sa 105 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur jilmenta mill-mod kif l-Uffiċju tal-Prim'Ministru naqas li jwieġbu għal ittra li kien bagħat fejn talab direzzjoni dwar meta kien mistenni jerġa' jidħol lura għax-xogħol (wara li hu kien issospenda lilu nnifsu mill-kariga li kellu bħala Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà) u kif ukoll dwar kif kien ser jitħallas tal-paga li nżammitlu għat-tul taż-żmien li kien sospiż. Huwa jgħid li, għall-imsemmija ittra, baqa' ma ngħata l-ebda tweġiba (għajr għarfien li kienet waslet fejn intbagħtet). Madankollu, jgħid li meta kien qorob biex jintemm il-kuntratt li kellu, ġie mgħarraf li s-servizz tiegħu ma kienx se' jiġġedded u saritlu offerta ta' ħlas ta' somma biex tagħmel tajjeb għas-salarju miżmum. Huwa ma laqax l-offerta għaliex deherlu li kien jistħoqqlu somma ogħla. Jgħid li d-deċiżjoni li ttieħdet saret b'abbuż tas-setgħat min-naħa ta' min ħadha u li din ġabitlu dannu u ħsara li jgħid li l-imħarrkin iridu jagħmlu tajjeb għaliha;

Illi l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li l-imħarrkin Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u l-Avukat tal-Istat mhumiex il-kontradittur leġittimi għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħidu wkoll li l-azzjoni tar-attur hija perenta skond l-artikolu 469A(3) tal-imsemmi Kapitolu 12 għaliex tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi biex tista' titressaq azzjoni bħal dikbit-trapass taż-żmien. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari li tgħid li l-azzjoni tal-attur ma tiswiex għaliex tressqet ħafna wara ż-żmien ta' sitt xhur li l-liġi tagħti lil min irid jitlob stħarriġ ta' għemil amministrattiv;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> jirriżulta li b'effett mill-5 ta' Diċembru, 2011[7], l-attur inħatar mill-Prim'Ministru ta' dak iż-żmien sabiex jokkupa l-kariga ta' Kap tas-Servizzi ta' Sigurtà għal żmien ta' tliet (3) snin minn

---

[6] Paġġ. 109 sa 115 tal-proċess
[7] Dok. "D" f'paġġ. 9 sa 10 tal-proċess

dakinhar. F'April 2013, inħarġu akkużi kriminali kontrih u b'riżultat ta' dan huwa ssospenda ruħu mill-kariga li kellu. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Settembru, 2013, l-attur ma nstabx ħati tal-akkużi li kien mixli bihom u meħlus minn kull piena;

Illi fil-25 ta' Novembru, 2013[8], l-attur kiteb lis-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim'Ministru fejn, wara li għarrfu bl-eżitu tal-proċeduri kriminali, talbu jinfurmah meta kien mistenni jerġa' jidħol għax-xogħol, kif ukoll dwar kif kien ser jitħallas il-paga li nżammitlu għat-tul taż-żmien li kien sospiż. L-attur jistqarr li tul iż-żmien ta' sospensjoni, huwa ma tħallas ebda salarju[9]. Jgħid ukoll li, minħabba s-sitwazzjoni li kien fiha, ma setax ifittex xogħol ieħor minħabba li l-kuntratt li kellu ma kienx iħallih jagħmel xogħol ieħor[10]. Għal dik l-ittra, l-attur intbagħtitlu biss '*acknowledgement*'[11], iżda baqa' bla tweġiba għat-talbiet li għamel fiha[12]. Jidher li, min-naħa tiegħu, l-attur ikkomunika bosta drabi b'*sms* ma' aktar minn persuna waħda dwar it-talbiet tiegħu fuq medda ta' bosta xhur matul l-2014[13];

Illi fix-xhieda tiegħu[14], l-attur jgħid li, waqt li kien għadu jistenna tweġiba għall-ittra tiegħu, kien f'kuntatt mal-persuna li dak iż-żmien kienet qiegħda twettaq il-funzjonijiet ta' Kap tas-Servizzi tas-Sigurtà minfloku u dan meta l-kuntratt tiegħu ma kienx intemm formalment;

Illi l-attur jgħid li f'Diċembru, 2014 (ftit jiem biss qabel kellu jagħlaq il-kuntratt), irċieva telefonata mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija (minn issa 'l quddiem imsejjah 'il-Pulizija'), biex imur jiġbor *cheque* għas-salarju dovut lilu fl-ammont ta' €39,005,87. Huwa rrifjuta li jagħmel dan għaliex l-ammont offrut kien ferm anqas minn dak li qal li messu jkun. L-attur jgħid li baqa' jinsisti li jingħata dak kollu li kien dovut lilu[15];

Illi l-attur fetaħ il-kawża fit-3 ta' Ġunju, 2015. Fil-25 ta' Settembru, 2015[16], l-attur irċieva ittra mingħand il-Pulizija li fiha talbuh jgħaddi jiġbor mit-Taqsima tas-Salarji ċekk bl-ammont li kien issemmielu fit-telefonata li saritlu f'Diċembru ta' qabel. F'din l-ittra, issir referenza għat-telefonata preċedenti, u għall-fatt li mill-ġdid il-Pulizija kienet talbet direzzjoni dwar il-pretensjoni tal-attur għall-ħlas tas-salarju miżmum dovut lilu;

8 Dok. "A" f'paġ. 7 tal-proċess
9 Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 95 tal-proċess
10 Ara affidavit tal-attur f'paġ. 48 tal-proċess.
11 Dok. "B" f'paġ. 8 tal-proċess
12 Ara affidavit ta' Godfrey Scicluna f'paġ. 47 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Charles Vella f'paġ. 54 tal-proċess
13 Dokti "GS1" sa "GS4", f'paġġ. 58 sa 91 tal-proċess
14 Ara affidavit tal-attur f'paġ. 48 tal-proċess
15 Ara x-xhieda tal-attur f'paġ. 94 tal-proċess
16 Dok. "GS5" f'paġ. 92 tal-proċess

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta’ natura legali dwar l-eċċezzjoni taħt eżami, minħabba li l-imsemmija eċċezzjoni hija waħda perentorja tal-ġudizzju, din is-sentenza qiegħda tingħata dwarha biss;

Illi l-imsemmija eċċezzjoni preliminari hawn mistħarrġa timxi fuq dak li jgħid l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, jiġifieri li kawża biex twaqqa’ għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew sata’ sar jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b’dak l-għemil amministattiv. L-attur jiddikjara espressament li l-ilmenti li wassluh biex iressaq l-azzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti jissejsu fuq ksur taħt l-artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-imsemmi Kodiċi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li l-liġi hija ċara ħafna w tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jgħodd biss għal meta kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju issir biex twaqqa’ għemil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a). Fil-każ tal-lum, it-talbiet attriċi jirreferu għal “deċiżjoni u rifjut *ultra vires* peress li huwa kontra l-liġi”. Aktar tard, fin-nota ta’ sottomissjonijiet, l-attur jestendi l-azzjoni tiegħu bħala li taqa’ taħt l-artikolu 469A(1)(a). Jisħaq li l-fatt li ġie mċaħħad mill-paga għandha jitqies bħala ‘possediment’ għal fini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni[17], għaldaqstant jgħid li s-subinċiż (1) paragrafu (a) tal-artikolu 469A jgħodd għall-każ tiegħu f’dak ir-rigward;

Illi l-Qorti sejra qabel kollox tistħarreġ l-argument tal-imħarrkin imsejjes fuq l-artikolu 469A(3) fir-rigward ta’ l-artikolu 469A(1)(b). Jgħidu li l-attur kien jaf jew messu kienu jaf bid-deċiżjoni li ttieħdet mill-Uffiċju tal-Prim’Ministru sa mill-25 ta’ Jannar, 2014. L-attur ressaq talba lill-Uffiċju tal-Prim’Ministru b’ittra tal-25 ta’ Novembru, 2013. Billi għaddew iżjed minn xahrejn u l-attur baqa’ bla tweġiba, l-imħarrkin jgħidu li fil-konfront tiegħu jiskatta l-*proviso* tas-subinċiż (2) tal-artikolu 469A għal dak li għandu x’jaqsam ma’ tifsira ta’ “egħmil amministrattiv”, li jgħid li n-nuqqas ta’ tweġiba fi żmien xahrejn min-notifika ta’ l-ittra, għandu jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta’ l-istess tifsira. B’hekk l-aktar tard li l-azzjoni attriċi setgħet tinġieb kontrihom kienet sal-25 ta’ Lulju, 2014;

Illi, min-naħa l-oħra, l-attur jgħid li ż-żmien tax-xahrejn li jirreferu għalih l-imħarrkin ma jgħoddx f’dan il-każ għal tlett raġunijiet[18]: l-ewwel, għaliex qatt ma kien hemm rifjut min-naħa tal-imħarrkin billi mill-atti jirriżulta

[17] Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-attur f’paġġ. 112 sa 113 tal-proċess
[18] Ara Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-attur f’paġġ. 109 – 110 tal-proċess

li bejn l-partijiet baqgħu għaddejjin diskussjonijiet, telefonati u laqgħat; it-tieni, għaliex f'Diċembru, 2014, l-attur ġie mitlub mill-Pulizija jgħaddi d-Depot biex jiġbor *cheque* fl-ammont ta' €39,000; u t-tielet, għaliex bl-ittra tal-25 ta' Settembru, 2015, tissemma telefonata li kienet saret qabel f'Diċembru tal-2014, fost oħrajn, u li dan jikkonferma li, sa dakinhar, ma kienet għadha ttieħdet l-ebda deċiżjoni aħħarija;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[19]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv li minnu wieħed jilmenta ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[20];

Illi fil-każ tal-lum, joħroġ ċar li l-attur b'ittra tal-25 ta' Novembru, 2013, ressaq żewġ talbiet lill-Awtorità konċernata (l-Uffiċju tal-Prim'Ministru): bl-ewwel talba, l-attur talab 'direzzjoni' dwar kif kien ser jerġa' jidħol lura għax-xogħol; it-tieni, kif kien ser jitħallas għaż-żmien li dam sospiż. Jidher li l-Awtorità għarfet li waslitilha l-ittra permezz ta' komunika li ġġib id-data tad-29 ta' Novembru, 2013. Jirriżulta wkoll li l-kariga ta' Kap tas-Servizzi ta' Sigurtà imtliet minn terz u li l-attur saħansitra kien ikkomunika miegħu dwar il-kwestjoni tal-użu tal-karozza. Dan jispjega n-nuqqas ta' interess minn naħa tal-Awtorità li twieġeb għall-ewwel parti tat-talba tal-attur, jiġifieri dik tar-*reinstatement*. Fil-fatt, mill-atti ma jirriżultax li l-attur ngħata xi tweġiba dwar din il-parti tat-talba. Fir-rigward tat-tieni talba, fi kliem l-attur, f'Diċembru, 2014, l-Awtorità għarrfitu b'telefonata bl-ammont li ġie offrut lilu bħala ħlas għas-saldu tas-salarju għaż-żmien ta' kemm dam sospiż. Din tal-aħħar ġiet formalizzata b'ittra li ntbgħatet wara li nfetħet il-kawża, fil-25 ta' Settembru, 2015. Imma, għall-finijiet tal-eċċezzjoni li din is-sentenza qiegħda tistħarreġ, dik l-ittra ma tiswa bl-ebda mod biex wieħed jgħid meta ttieħdet id-deċiżjoni li minnha jilmenta l-attur u minn meta beda għaddej iż-żmien li fih l-attur seta' jew messu fetaħ din il-kawża;

---

[19] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorità tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (*in parte*) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.313**)
[20] P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

Illi fil-każ tal-lum, l-attur baqa' ma ngħadlu qatt xejn dwar it-talbiet li kien ressaq: la li ntlaqgħu u lanqas li ma kinux intlaqgħu. Għalhekk, biex jitqies iż-żmien li l-attur kellu disponibbli għalih, wieħed irid jara minn meta jmisshom jintgħaddu x-xahrejn li l-artikolu 469A(2) jippreskrivi fil-każ tar-"rifjut preżunt";

Illi l-Qorti hija tal-fehma li fejn azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tinbena fuq il-kawżali tar-"rifjut preżunt", il-ħarsien b'reqqa taż-żminijiet stabiliti mil-liġi. Huma kemm huma odjużi l-privileġġi proċedurali li l-Gvern igawdi fis-sistema proċedurali Malti fil-konfront tal-litigant ordinarju, dawk ir-regoli jridu jitħarsu. Dan jgħodd ukoll għaż-żminijiet jew termini li l-istess regoli jistabilixxu. Għalhekk, ladarba l-artikolu 469A jistabilixxi żminijiet partikolari kemm dwar ir-"rifjut preżunt" u kemm dwar il-ħtieġa li kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju titressaq fiż-żmien, mhux imħolli la lil qorti u lanqas lil xi parti li ġġebbed dawk iż-żminijiet b'mod li ġġib il-liġi fix-xejn;

Illi huwa stabilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorità pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew *warrant* ma ssirx bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorità. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorità pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[21];

Illi filwaqt li ma jistax jingħad li l-għarfien mibgħut lill-attur fid-29 ta' Novembru, 2013, (kienet biss "*acknowledgement*" li l-ittra tagħha kienet waslet għand is-Segretarju Permanenti Ewlieni) kien jikkostitwixxi "deċiżjoni" 'l hawn jew 'l hinn tat-talbiet tiegħu fl-ittra tal-25 ta' Novembru, 2013, daqstant ieħor l-attur ma jistax jilminta li nżamm fil-għama biex ifittex id-drittijiet tiegħu. Fl-ewwel lok, huwa l-attur innifsu li jsemmi li bejnu u bejn bosta funzjonarji għaddew komunikazzjonijiet fit-tul fuq medda ta' bosta xhur sewwasew dwar dawk it-talbiet. Huwa minnu li baqa' ma ngħata l-ebda tweġiba konkreta. Dan hu fatt li, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, jimmilita kontrih għal dak li jirrigwarda ż-żmien meta seta' fetaħ din il-kawża. Fit-tieni lok, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tgħid li, mqar jekk l-attur kellu raġun, ma kienx tajjeb li jħalli ż-żmien jgħaddi. Fit-tifsira ta' 'egħmil amministrattiv', il-liġi trid li "*ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabilixxi perijodu li fih awtorità pubblika teħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-*

[21] App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

*talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' dik it-tifsira*". Dan ifisser li jekk kemm-il darba kien minnu li s-Segretarju Permanenti Ewlieni – li lanqas ma huwa wieħed mill-partijiet f'din il-kawża – baqa' ma tax deċiżjoni lill-attur dwar it-talbiet tiegħu, huwa dejjem seta' fetaħ il-kawża minnufih kif għaddew ix-xahrejn żmien minn dak inhar li l-istess Segretarju Permanenti Ewlieni laqa' għandu l-ittra mibgħuta mill-attur;

Illi meħud kont tal-konstatazzjonijiet kollha li għadhom kemm saru, il-Qorti tasal għall-fehma li ż-żmien li l-liġi tqis bħala li jikkostitwixxi 'deċiżjoni' għall-finijiet ta' għemil amministrattiv huwa tabilħaqq xahrejn bejn il-25 ta' Novembru, 2013 (id-data meta nkitbet l-ittra) u d-29 tal-istess xahar (meta ntbagħtet it-tagħrifa dipartimentali li l-ittra kienet waslet). Ma jiswa xejn li setgħu kienu għaddejjin diskussjonijiet matul jew wara l-iskadenzi ta' dawn id-dati, lanqas li saret telefonata jew tweġiba fi stadju aktar tard, għaliex il-liġi għall-iskop ta' x'inhu "egħmil amministrattiv" hija tassattiva fil-mod kif inhi miktuba "..dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira";

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-attur kien laħaq għaddielu ż-żmien li tagħtih l-liġi biex seta' jressaq l-azzjoni tiegħu għal stħarriġ ġudizzjarju fuq il-kawżali tal-'*ultra vires*', u għalhekk tara li t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin safejn tolqot dik il-kawżali tal-azzjoni attriċi hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tal-attur dwar l-estensjoni ta' din l-azzjoni taħt l-artikolu 469A(1)(a), jibda biex jingħad li l-imħarrkin ma qajmu ebda oġġezzjoni jew riżerva[22]. Din il-Qorti, iżda tħoss li, minħabba l-aspett ġurisdizzjonali li l-istess sottomissjoni tqanqal, ikun xieraq li hija tqis il-kwestjoni bi ftit aktar reqqa;

Illi, fl-ewwel lok, l-argument tal-attur hu li ladarba l-artikolu 469A(1)(a) jistħarreġ għemil amministrattiv bi ksur tal-Kostituzzjoni, u ladarba d-deċiżjoni tal-awtorità pubblika li ma tagħtihx il-flus li jistħoqqlu hija ċaħda mit-tgawdija tal-possediment tiegħu kif imħarsa mill-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ifisser li l-kawża tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 469A(1)(a) li ma japplikax għaliha ebda terminu;

Illi l-artikolu 469A, li daħħal fis-sistema proċedurali Malti l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrativ, jagħti ġurisdizzjoni lill-Qrati

[22] Ara verbal tas-smiegħ tal-4 ta' Ottubru, 2016, f'paġ. 118 tal-proċess

ta' kompetenza ċivili li jistħarrġu s-siwi ta' għemil amministrativ kif imfisser fis-subartikolu (2) tiegħu li, fost l-oħrajn, ikun meqjus li jikser il-Kostituzzjoni. Il-kwalifika waħdanija li dak l-artikolu jidher li jagħmel għal dak l-eżerċizzju hi "ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi";

Illi dan il-punt ġie mistħarreġ fit-tul mill-Qrati tagħna u ġie stabbilit li[23]: "*Fi kliem ieħor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tiġi risolta darba għal dejjem, cioé anke għal każijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur tagħhom) ma setgħux jiftħu kawża ordinarja għal stħarriġ ġudizzjarju taħt is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti taħt il-Kostituzzjoni, għax dak is-subartikolu jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni minn għemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta għall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jiġi mistħarreġ mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioé li wieħed għandu jżomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza ċivili separati u distinti – il-kliem 'imur mod ieħor kontra l-liġi' fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi għal kwalsijasi liġi ad esklużjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap 319.*". Ta' min jgħid li l-attur isejjes il-każ tiegħu fuq is-saħħa tal-artikolu 469A(1)(b)(iv) imsemmi;

Illi llum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'kawża jissemma ksur ta' jedd fundamentali u ssir trattazzjoni estensiva dwar il-materja tad-dritt fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha tal-pajjiż inkluż dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda proċeduri li jinbdew quddiem din il-Qorti għandhom jitqiesu li huma proceduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja w mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A (bħal ma nbdiet din il-kawża) ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[24];

Illi meqjusa dawn il-konsiderazzjojnijiet, il-Qorti tasal għal fehma li s-sottomissjoni ulterjuri ta' l-attur ma tistax tintlaqa' għaliex, fl-ewwel lok, ma tissemma mkien fir-rikors li bih huwa fetaħ din il-kawża, u wkoll għaliex mhix mistħoqqa fiċ-ċirkostanzi. Dan kollu jingħad bla ħsara għal kull rimedju ieħor spettanti lill-attur fis-sedi xierqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[23] Kost. **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall et vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomadazzjoni Soċjali et***

[24] P.A. GCD **5.03.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Farruġia et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin** u ssib li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien mogħti mil-liġi;

**Teħles** lill-imħarrkin milli jibqgħu aktar fil-kawża; u

**Tordna** li **l-ispejjeż** tal-kawża jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' Marzu, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**12 ta' Marzu, 2020**